MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 1100/2013

**Avukat Dr Malcolm Mifsud (ID 405168M)**

**a nom u in raprezentanza tas-socjeta'estera**

**MNI doo ta' Slovenia**

**-vs-**

**Nutrisport International Limited (C 58000) u**

**Nicola Ferrazzano**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti ta' l-Avukat Dr. Malcolm Mifsud noe tal-14 ta' Novembru 2013, li jaqra hekk:

*"Illi l-attur noe kien biegh u kkonsenja merkanzija ta' ikel konness ma' "fitness", bejn April 2013 u Gunju 2013 (Dok A – Dok B1);*

*Illi s-socjeta konvenuta naqset milli thallas is-somma ta' tlettax-il elf, seba mija u tlieta u sittin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€13763.53);*

*Illi minkejja l-azzjonisti tas-socjeta konvenuta, huma Supplements Holding Limited (C 57999) u Panlegis Corporate Services Limited (C 44874), l-azzjonista l-ahhari huwa Nicola Ferrazzano, li huwa residenti Genova, l-Italja;*

*Illi Brian Micallef, rapprezentant tas-socjeta Panlegis Corporate Services Limited, li kienu amministratur professjonali tas-socjeta;*

*Illi jidher li l-Konvenut Nicola Ferrazzano kien baghad emails lis-socjeta attrici b'ordnijiet ta' merkanzija b'isem ta' Brian Micallef, meta jirrizulta li Brian Micallef ma kienx involut f'ordnijiet ta' merkanzija;*

*Illi jidher car li l-Kovenut Nicola Ferrazzano meta ghamel dawn l-ordnijiet kien in mala fede u kien ddefroda lill-istess socjeta attrici;*

*Illi jidher ukoll car li l-ordnijiet ghall-merkanzija kienu qed isiru fi perjodu li s-socjeta konvenuta kienet 'insolvent' u b'hekk ma setghetx tkompli bi kummerc. ld-decizjonijiet kienu qed jittiehdu mill-azzjonista l-ahhari Nicola Ferrazzano, li kien konsapevoli mill-problemi finanzjarji tal-kumpanija tieghu, izda minkejja dan xorta kien qed jiehu ordnijiet minn klijenti, jigbor il-hlasijiet mill-klijenti, jordna l-merkanzija mis-socjeta attrici u ma jhallasx lill-istess socjeta attrici*

*Jghidu l-konvenuti pro et noe ghaliex ghar-ragunijet premessi:*

1. *Tikkundanna lis-socjeta konvenuta Nutrisport lnternational Limited is- somma ta' tlettax-il elf, seba mija u tlieta u sittin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€13763.53);*

2. *Tiddikjara lill-Konvenut Nicola Ferrazzano responsabbli ghad-danni kkawzati lill-atturi minhabba li kompla bil-kummerc minkejja li s-socjeta konvenuta kienet 'insolvent' u li kompla l-kummerc in mala fede u b'mezzi frawdalenti;*

3. *jigu likwidati d-danni sofferti mir-rikorrenti;*

4. *jigu kkundannati jhallsu d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minnn issa ingunti ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda indikata mir-rikorrenti u l-elenku tad-dokumenti ezebiti;

Rat illi r-rikors promotur u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati permezz tal-procedura tal-affissjoni fil-14 ta' Mejju 2014, fil-Gazzetta tal-Gvern fit-13 ta'Mejju 2014 u fil-Gazzetta Lokali fil-5 ta'Gunju 2014;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-intimati baqghu' kontumaci;

Rat id-digriet tagħha tal-Erbgha 2 ta' Lulju 2014, li bih akkordat lis-socjeta' intimata u lill-intimat terminu ta' gimgha zmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet, ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li s-socjeta' intimata u lill-intimat ma ressqu ebda sottomissjoni;

Rat illi ghalhekk ma jezisti ebda ostakolo sabiex il-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

Dr. Malcolm Pace fix-xhieda tieghu a fol. 108 et seq, ikkonferma bil-gurament illi s-socjeta' intimata u l-intimat kienu ghadhom ma hallsu xejn mill-ammont dovut ta' tlettax-il elf, seba mija u tletta u sittin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€13,763.53).

Illi ghaldaqstant, fil-kontumacja tas-socjeta' intimata u tal-intimat, u fid-dawl tal-inadempjenza taghhom ghall-fakolta moghtija minn din il-Qorti sabiex jipprezentaw

sottomissjonijiet bil-miktub, din il-Qorti ma tarax li ghandha alternattiva ghajr illi taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata Nutrisport International Limited u Nicola Ferrazzano.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------